# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 8 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1599/00 AJD*

Grima Communications Limited

vs

Lacass Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u tmenin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm82.51) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' pakkett ta' reklami li s-socjeta' konvenuta xtrat minghand is-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes kontra s-socjeta' l-konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn din ikkuntestat it-talbiet attrici ghar-raguni li l-pakkett tar-reklami kellu jibqa' sejjer ghal tlett xhur, izda wara certu zmien ir-riklami waqfu min-naha tas-socjeta' attrici. Peress li r-reklam ma damx ghal tlett xhur kif kien miftiehem, dan ma kellux rizultati effettivi.

Ra li fis-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2000, liema seduta kienet intiza ghall-provi kollha tal-partijiet, is-socjeta' konvenuta naqset milli tidher u tressaq provi in sostenn tar-risposta taghha.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Lyn Zahra li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u tmenin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm82.51)

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR